MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 574/2003/2

**Peter Plant Limited**
**vs**
**Ramel u Zrar Limited**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**Proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati.**

B-avviz datat 19 ta' Novembru 2003, is-socjeta` attrici talbet il-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' t'elef, seba' mija u sitta u sebghin liri Maltin (Lm4776) rapprezentanti somma dovuta lis-socjeta` attrici ghall-garr u trasport ta' materjal fuq inkarigu taghhom. Bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Is-socjeta` kovenuta pprezentat nota ta' l-eccezzjonijiet fejn ecceppiet illi:

1. It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi dak li ntrema kien terrapien tal-blat tal-franka u kwindi skart bla valur u jekk *se mai* huwa dovut hlas dan huwa dovut mis-socjeta` attrici lill-proprjetarja tal-post fejn ikun intrema, cioe` lis-socjeta` konvenuta.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa esagerat minhabba illi l-ispejjez tat-trasport gew kalkolati hazin;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Fit-22 ta' Marzu 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat sentenza fl ismijiet premessi fejn sabet li l-kumpanija attrici ma waslitx ghall-prova minnha rikjesta dwar il-ftehim verbali minnha allegat, anzi ssib illi hija iktar verosimili l-verzjoni kif opposta mill-kumpanija konvenuta, konsegwentement laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**Proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell.**

Minn dik is-sentenza sar appell u fit 18 ta' Ottubru 2006, l-Qorti ta' l-Appell cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjez ghas-socjeta` attrici appellanti.

**Ritrattazzjoni**

F'dawn il-proceduri s-socjeta` attrici qed titlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell deciza flt-18 ta' Ottubru 2006, a bazi ta' l-Artikolu 811 (e) tal-Kap 12 billi l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin ai fini tar-ritwalita` ta' l-Artikolu 816 tal-Kap. 12.

L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali inkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li *"res judicata pro veritate habetur"*. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi.

**Kontestazzjoni**

Illi r-ritrattandi qed isostnu li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell hija kolpita minn-applikazzjoni hazina tal-ligi (Artikolu 881(e) Kap. 12). Huma jsostnu li l-principji legali li messhom gew applikati kienu tnejn: (1) li r-regola u l-massima illi huwa prezenut li kull xoghol isir bl-intenzjoni ta' kumpens sakemm ma jkunx hemm prova cara kuntrarja, liema principju ma giex applikat; u (2) il-principju li l-kotba tal-kummerc ghandhom valur probatorju u dan gie totalment skartat. Ir-ritrattandi jissottomettu li hemm difett fis-sentenza fis-sens li l-Qorti injorat totalment dawn il-principji applikabbili u dan hu l-istess bhas-sitwazzjoni fejn jigi applikat principju jew ligi meta messu gie applikat principju jew ligi ohra. Ir-ritrattandi jikkontendu li l-Qorti ta' l-Appell ma attribwiet ebda valur probatorju lil kotba u dokumenti ezibiti mis-socjeta` attrici, meta l-principju hu li messu inghata valur lill dawn il-kotba. (ara Artikolu 22 tal-Kodici tal-Kummerc u 627 sa 636 tal Kap. 12).

Is-socjeta` ritrattata qed tikkontendi li f'dawn il-proceduri r-ritrattandi qed jitolbu li dina l-Qorti terga' tirriapprezza mill-gdid il-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ta' l-Appell u b'hekk tohloq qorti tat-tielet istanza li huwa dak li hu projbit mill-ligi. Hi tissottometti li dwar l-ewwel lanjanza tas-socejta` ritrattandi din qed titlob xi haga li mhiex kontemplata fil-ligi (811(e) billi l-ligi titkellem dwar applikazzjoni hazina tal-ligi u mhux applikazzjoni hazina tal-principji legali. Il-Qorti ta' l-Appell ma naqsitx li tapplika artikolu tal-ligi jew applikat artikolu minflok iehor. Dwar it-tieni lanjanza, fil-verita` l-allegati kotba tal-kummerc ma huma kotba tal-kummerc xejn izda semplicement statements u invoices u fit-tieni lok kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell qiesu dawn id-dokumenti bhala prova u qablu mal-kontestazzjoni tar-ritrattadi dwarhom.

**Ligi**

**811(e)** ***Sentenza li tkun applikat il-ligi hazin;*****".**

L-Artikolu 811 jiddisponi li "*Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-*

*partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza*"

u, fis-subinciz (e) ta' l-istess artikolu nsibu bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni

"*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*".

B'titolu ta' kjarifika ghall-kawzali imsemmija fil-paragrafu (e) il-ligi tispjega li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu

"*jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, <u>fil-kaz biss</u> li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.*"

Fil-kuntest tal-kawzali mressqa bhala raguni ghal talba ta' ritrattazzjoni nsibu li l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 jrid li "*meta r-raguni* (ghar-ritrattazzjoni) *hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*"

F'dan il-kaz japplika dak illi qalet dina l-Qorti, diversament komposta, fis-segwenti silta mis-sentenza taghha tat-Tlieta (3) ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet ***Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe.*** ghar-rigward ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 li:

"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun

skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin" . (Ara AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D. App. 27/3/2003; Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri App. 2/6/2003; u Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et App. 10/10/2003).

**Konsiderazzjonijiet**

Dwar il-lanjanzi sollevati mir-ritrattandi f'dawn il-proceduri, din l-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati kienet cahdet it-talba attrici billi sabet li l-kumpanija attrici ma waslitx ghall-prova minnha rikjesta dwar il-ftehim verbali minnha allegat. Biex waslet ghal dik il-konkluzjoni l-Qorti tal Magistrati hadet in konsiderazzjoni l-principju legali dwar l-oneru tal-prova u kkunsidrat li evidentement billi l-azzjoni giet proposta mill-kumpannija attrici jispetta lil din il-kumpannija li fl-ewwel lok iggib bizzejjed provi biex issostni almenu l-probabilita` li effettivament kien sar il-ftehim minnha allegat. Il-Qorti tal-Magistrati ma injoratx il-principju li *ommnia labor optat premium* imma ddecidiet li dan il-principju ma japplikax awtomatikament imma s-socjeta` kellha tipprova skond il-ligi li ghandha dritt ghall kumpens li kienet qed titlob. Ma dan il-principju u ma dina l-konkluzjoni l-Qorti ta' l-Appell qablet u ma dahlitx fid-diskrezzjoni li ezercitat il-Qorti tal-Magistrati billi sabet li din giet ezercitata korrettement.

It-tieni lanjanza tar-ritrattandi quddiem dina l-Qorti f'dawn il-proceduri kienet diga` giet sollevata u trattata quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell il-lanjanza gie mnizzla hekk:

*(ii) Id-dokumenti minnha prezentati ghandhom jitqiesu kotba tal-kummerc u, allura, kellhom valur probatorju li ma setax jigi injorat. (fol 101).*

Dawn l-allegati kotba tal-kummerc fil-fatt ma humiex kotba tal-kummerc izda semplicement statements u invoices. Dwar dina l-lanjanza l-Qorti tal-Appell kienet iddecidiet li:

"L-i*statements* u *invoices* esebiti mis-socjeta` appellanti (fol. 52 sa fol. 59 u fol. 63 sa fol. 65) ma jistax *per se* jikkostitwixxu xi prova inkonfutabbli, la tal-ftehim *ut sic* u wisq anqas ta' xi prova assoluta illi saru tabilhaqq dawk il-vjaggi b'dik ir-rata. Kien jaggrava zgur fuq is-socjeta` appellanti, in vista tal-kuntrast qawwi dwarhom, illi tipproduci prova affermattiva u konkreta bl-esebizzjoni tal-karti li hi ssostni li kienu hekk iffirmati minn min ha l-konsenja taghhom. Dan, intant, baqghet ma ghamlitux.

….

Fil-kumpless, ma jidherx li gew provvduti dettalji sodisfacenti tal-ftehim da parti tas-socjeta` appellanti jew disdetta tal-prattika kummercjali f'negozju ta' din ix-xorta, suggerita mis-socjeta` appellata. Dan inevitabilment iwassal biex dawk il-kotba tan-negozju u dawk il-provi tas-socjeta` appellanti ma jigux ritenuti attendibbli.

Ghalhekk jirrizulta li l-istess argument imressaq quddiem l-Qorti ta' l-Appell rega' tressaq quddiem dina l-Qorti, nonostante li l-Qorti ta' l-Appell kienet diga` tathom il-valur probatorju misthoqq u cahdet is-sottomissjonijiet tar-ritrattandi f'dak ir-rigward.  Il-Qorti ta' l-Appell sabet li dawn fic-cirkostanzi ma kienux jikkostitwixxu l-prova li trid il-Ligi. Izda  kif qalet dik il-Qorti donnu r-ritrattandi jridu li l-Qorti ghandha "bilfors tassumi illi l-kotba taghha kellhom jorbtu u li l-versjoni taghha kienet sagrosanta u inattakkabbli – dak li ma jidherx li hu l-kaz". (ara fol 105).

Ir-ritrattandi ma jistghux joholqu appell fuq appell. "L-interpretazzjoni tal-fatti, il-valutazzjoni u l-apprezzament tal-provi, ma jaghtux lok ghal ritrattazzjoni in kwantu dawn huma attribwiti li jispettaw esklussivament lil gudikant li jissindika u jiddeciedi l-mertu". ( Vol LXXV11 p 326)

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-ritrattandi ghas-smigh mill-gdid ta’ l-Appell
Spejjez ghar-ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------